21998D0604(05)

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 84/97

tat-12 ta' Novembru 1997

li temenda l-Anness XIV (Kompetizzjoni) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħil-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XIV li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 12/97 ta' l-14 ta' Marzu 1997 ([1]);

Billi r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1983/83 ([2]) u Nru 1984/83 ([3]) tat-22 ta' Ġunju 1983 dwar l-applikazzjoni ta'l-Artikolu 85(3) tat-Trattat KE għall-kategoriji ta' patti ta' ftehim ta' distribuzzjoni esklussiva u xiri esklussiv rispettivament, huma diġà parti tal-Ftehim;

Billi, iżda, il-perjodu tal-validità tar-Regolamenti (KEE) Nru 1983/83 u Nru 1984/83 tiskadi fil-31 ta' Diċembru 1997, il-Kummissjoni ddeċidiet li temenda r-Regolamenti billi testendi il-perjodu tal-validità tagħhom sal-31 ta' Diċembru 1999;

Billi, sabiex tinżamm iċ-ċertezza legali ta' l-impriżi u omoġenità fiż-Żona Ekonomika Ewropea, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1582/97 tat-30 ta'Lulju 1997 li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 1983/83 u Nru 1984/83 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għall-kategoriji ta' patti ta' ftehim ta' distrubuzzjoni esklussiva u patti ta' ftehim ta' xiri esklussiv rispettivament ([4]), għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt 2 (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1983/83) ta' l-Anness XIV li jinsab mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied:

   "– **397 R 1582**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1582/97 tat-30 ta' Lulju 1997 (ĠU L 214, tas-6.8.1997, p. 27).".

2. L-Adattazzjoni (e) għandha titħassar.

Artikolu 2

Il-punt 3 (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1984/83) ta' l-Anness XIV li jinsab mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied:

   "– **397 R 1582**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1582/97 tat-30 ta' Lulju 1997 (ĠU L 214, tas-6.8.1997, p. 27).".

2. L-Adattazzjoni (e) għandha titħassar.

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1582/97 fil-lingwi ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li huma annessi mal-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

([1]) ĠU L 182, ta' l-10.7.1997, p. 42.
([2]) ĠU L 173, tat-30.6.1983, p. 1.
([3]) ĠU L 173, tat-30.6.1983, p. 5.
([4]) ĠU L 214, tas-6.8.1997, p. 27.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Novembru 1997, kemm-il darba n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu intgħamlu lill-Kumitat Konġunt ŻEE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', l-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-12 ta' Novembru 1997.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

E. BULL